# GHODWA TA' DIĊEMBRU

Diċembru. Xita irqiqa rqiqa, riħ ivenven u jingħaj bejn il-frigħi bħal xi ruħ mitlufa. Ħemda liema bħalha, fit-triqat xi mara, mkeffna fl-għonnella tgħaddi tgħaġġel ħalli tilħaq il-quddiesa. Tgħaddi tgħaġġel u taħseb fil-kenna tal-knisja fejn il-bard jitgħakkes bis-sħana tax-xema, bir-riħa tal-inċens. Tgħaddi tgħaġġel u taħseb fil-Madonna sabiħa u ħienja, imrekkna fin-niċċa, b'idejha miftuħa, tistieden it-talb u ttaffi kull dwejjaq. Tgħaddi tgħaġġel u tħossha qgħed tisħon.

* * *

Fil-Barrakka ta' Fuq il-bard jinħass iżjed. Il-ġennien mil-kmajra tiegħu jħares lejn is-sema mgħotti bi sħab iswed u jħossu jitrejjaq bil-ħsieb li l-ħin tal-għassa jintemm fit-tmienja u mbagħad erħilu għad-dwejra ħalli jistrieħ. Ma sa dat-tant x'bard! Iħossu jidħol ġol-għadam.

Fil-gallarija anqas ruħ. Trid tkun miġnun biex tasal sa hemmekk f'jum bħal dan. Imma jidħlu żewġ Indjani u erħilhom dritt għall-hemm. Kull fil-għodu x'ħin titla' x-xemx issibhom il-Barrakka iħarsu l-bogħod il-bogħod u jitolbu. Ħanuthom ġo Sda. Rjali qalb l-agħa tan-nies. B'wiċċ jitbissem ibigħu tifkiriet tal-Indja li jinħadmu l-Ġermanja. U n-nies tixtri u toħroġ u qatt ma taħseb x'hemm moħbi f'qalbhom.

Imma kull fil-għodu kull min jitla' kmieni l-Barrakka ta' Fuq isibhom hemm jitolbu, dejjem jitolbu. Fuq wiċċhom ma tidhirx it-tbissima imma b'ħarsa miksura jħarsu lejn ix-xemx donnhom mitlufa f'xi dehra....

Il-lum ix-xemx ma tidhirx. Is-sema mgħotti.... Imma l-Indjani ma naqsux. Ġew bħas-soltu u bħas-soltu qgħed iħarsu l-bogħod il-bogħod minn fejn titla' x-xemx. Biss il-ħarsa tidher iktar miksura u lwien wiċċhom jidher iktar isfar. Bil-kemm iċaċkalku xofftejhom. Xi ħsieb tqil donnu jagħfas fuqhom.

Qgħed jaħsbu, tgħid, fl-Indja mbegħeda fejn ix-xemx ma tehda qatt; fejn l-imqades ta' ġenshom jinsabu mfawwra bin-nies bħal dal-ħin?

Jew qghed jaħsbu f'nishom li huma ħallew ħalli jistgħu jaqalgħu l-ħobż?

Wieħed mill-Indjani għadu żagħżugħ. Xofftejh ma jitħarrkux imma għajnejh qgħed idemmgħu. Liema dieqa qgħed taħ-

kem fuqu? Il-ħsieb ta' xi tfajla sabiħa li ħalla warajh? Jew iħossha bi tqila li kellu jħalli art twelidu ħa jmur igħix qalb ġens barrani?

Liema dieqa fuq kull wiċċ wieħed minnhom. Kemm tiħtiġilhom ix-xemx ħalli ssaħħan lil qlubhom u thennihom xi ftit.

* * *

Ix-xita għada nieżla, ir-riħ ma sikitx. L-Indjani jħallu l-Barrakka u jitilqu għax-xogħol. Ebda kelma. Ilkoll iħarsu lejn mara bl-għonnella ħierġa minn knisja u sejra tgħaġġel għad-dar. Fuq wiċċha hemm id-daħka tal-hena.

L-Indjani jħarsu u jitniehdu.

Ros. Briffa.